MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2008

Numru 448/2007

**Il-Pulizija**
**Spettur Johann J. Fenech**

**vs**

**Claire Polidano**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputata Claire Polidano ta’ 32 sena bint John u Carmen nee’ Busuttil imwielda Pieta’ fil-05 ta’ Dicembru 1974 u residenti Evan Flats, Flat 2, Triq il-Progress, B’ Buga u detentrici tal-karta tal-identita’ numru 44575(M) giet mressqa quddiemha akkuzata talli :

Fil-lejl ta’ bejn it-18 u d-19 ta’ Mejju 2007 fi Triq il-Progress, B’ Buga :

1. Volontarjament hasret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe vettura tal-marka Isuzu Trooper bin-numru ta’ registrazzjoni ABO 286 ghad-dannu ta’ Evan Mamo, liema ammonta ta’ hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira (Lm500) imma hi izjed minn hamsin lira (Lm50) ;

2. Ingurjat jew heddedt lil Evan Mamo, jew jekk kienet ipprovokata, ingurjatu b’ mod li harget barra mill-limiti tal-provokazzjoni ;

3. F’lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, instabet fis-sakra b’ mod li ma kinitx tista’ tiehu hsieb taghha innifisha ;

4. Kisret il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b’ mod iehor.

Saret recediva b’ sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 26 ta’ Jannar 1998 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti kienet mitluba li barra l-piena stabbilitia ghal dan ir-reat tapplika l-provvedimenti ta’ l-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali ghas-sigurta’ ta’ Evan Mamo u l-familja tieghu.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 24 ta’ Mejju, 2007 (a fol. 16 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarilha fis-seduta 19 ta’ Mejju, 2007 l-imputata wiegbet li ma kelliex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn fin il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Ikkunsidrat:

Ili ghalkemm l-imputata ma registratx ammissjoni formali ghall-akkuza migjuba fil-konfronti taghha meta hija xehdet quddiem din il-Qorti fis-seduta tas-6 ta’ Novembru, 2008

hija ammettiet li kienet ikkomettiet ir-reati li bihom tinsab akkuzata fil-proceduri odjerni izda spjegat ic-cirkostanzi partikolari li kienet ghaddejja minnhom fiz-zmien li ija kkommettiet tali reati u r-relazzjoni difficli li hija kellha mal-parti civili Evan Mamo.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat ic-cirkostanzi partikolari li kienet ghaddejja minnhom l-imputata fi zmien li kkommettiet ir-reati in dizamina u jidrilha li l-istess imputata ghandha tinghata l-opportunita’ li taqbad it-triq it-tajba u  tirriforma ruhha.

Ghaldaqstant wara li rat l-Artikoli 325 (b), 339 (e), 338(bb) u 338 (dd) u b’ applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputata hatja tal-akkuza migjuba fil-konfronti taghha u tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor sa zmien sena (1)  millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------